Heritage Malta

Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **20 ta' Novembru 2020**

**Xibka kbira titneħħa minn wieħed mis-siti ta' Heritage Malta f'qiegħ il-baħar**

It-Taqsima tal-Wirt Kulturali ta' Qiegħ il-Baħar (UCHU) fi ħdan Heritage Malta, b'kollaborazzjoni mal-ATLAM Dive Club, dan l-aħħar wettqet operazzjoni fejn tneħħiet xibka kbira minn wieħed mis-siti ta' Heritage Malta f'qiegħ il-baħar.

Il-preżenza ta' dak li hu magħruf bħala ghost gear – jiġifieri xbieki tas-sajd, nases u lenez abbandunati – fl-oċeani tad-dinja qiegħda tiżdied kulma jmur, b'madwar 640,000 tunnellata ta' rkaptu tas-sajd jitħallew fl-ibħra kull sena. L-irkaptu abbandunat huwa perikoluż għax jibqa' miexi mal-kurrenti għal żmien twil u jaqbad ħlejjaq tal-baħar b'mod indiskriminat.

Il-Mediterran u Malta mhumiex eċċezzjoni. Il-flora u l-fawna tal-baħar tagħna, li spiss jagħżlu s-siti ta' qiegħ il-baħar biex jgħixu fihom, faċli jitħabblu fl-irkaptu abbandunat. Il-bugħaddasa wkoll jistgħu jkunu f'periklu li ma jkunux konxji tiegħu.

Is-sit minn fejn tneħħiet ix-xibka jinsab 'il barra mill-kosta tas-Salina, fejn hemm il-fdalijiet ta' ajruplan Ġermaniż JU88 tat-Tieni Gwerra Dinjija f'fond ta' 55 metru. L-operazzjoni tat-tneħħija kienet sforz konġunt bejn l-UCHU u l-ATLAM Dive Club. Disa' bugħaddasa ħadu sehem fi tliet għadsiet separati, bid-daqs kbir tax-xibka jirrikjedi sforz sostanzjali biex tinqata' u tintbagħat lejn il-wiċċ.

Din kienet l-ewwel operazzjoni ta' tneħħija ta' xbieki minn sensiela ppjanata għal siti oħra f'qiegħ il-baħar li jinsabu taħt il-ħarsien ta' Heritage Malta u li bħalissa jammontaw għal 15.

Minbarra li jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali f'qiegħ il-baħar, tali operazzjonijiet huma ta' benefiċċju ambjentali permezz tal-eliminazzjoni tal-ghost fishing u t-tneħħija ta' rkaptu tas-sajd qadim li jagħmel ħsara lis-siti u jħalli impatt negattiv fuq il-ħlejjaq tal-baħar.